# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 368/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**George Chircop**

Illum 22 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **George Chircop**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 485162(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Marzu 2021 għal ħabta ta' 12:30hrs u fil-ħinijiet ta' qabel, fl-inħawi ta' Birżebbuġa u f'dawn il-Gżejjer:

1. waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar, ħa jew ipprova jieħu b'xi mezz, xi għasfur u dan bi ksur ta' Regolament 18(1)(c) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu b'xi mezz li jkun xi għasfur u għaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) ta' l-Avviż Legali 79 tal-2006, hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-Regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-Regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża lixki ta' għasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(a) u 18(1)(c) tal-Avviż Legali 79 tal-2006, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) u mir-raba' (4) imputazzjoni, sabitu ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu multa ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600). *Ai termini* ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006, l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-

Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi* ***tikkonferma*** *dik il-parti tad-deċiżjoni fejn il-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-imputat qua appellanti u* ***tħassar*** *u* ***tirrevoka*** *dik il-parti tad-deċiżjoni fejn sabet lill-appellanti ħati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skont il-liġi. Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha f'dik il-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma relattivament sempliċi b'dan illi fil-11 ta' Marzu 2021 waqt li l-Pulizija kienu fuq ronda fl-inħawi tal-Freeport, f'Birżebbuga huma semgħu *bird caller* jaħdem. Minħabba f'hekk bdew mexjin lejn il-ħoss tal-*bird caller* sakemm waslu f'għalqa. F'din l-għalqa seta' jiġi nnutat mansab armat bix-xbieki. Fuq il-post kien hemm l-appellant biss u minħabba li l-istaġun kien magħluq, il-Pulizija ordnawlu jżarma l-mansab.

Illi fir-rapport tal-Pulizija (Dok. "X1" – *a fol.* 5 *et seq.*) jiġi spjegat li fid-dura nstab ir-*remote* tal-*bird caller*. Il-Pulizija taw id-drittijiet lill-appellant li minn jeddu ddeċieda li ma jkellimx avukat (Dok.

"X5" – *a fol.* 13). Minn naħa tiegħu l-appellant jgħid li l-mansab ma kienx tiegħu. Jirriżulta li l-Pulizija elevaw ix-xbieki, il-*bird caller* u r-*remote* tal-*bird caller* (Dok. "X6" – *a fol.* 14). Għandu jingħad li fil-viċin kien hemm ukoll il-vettura tal-appellant u wara li saret tfittxija fiha nstabu xbieki tal-insib u kaxxa għodda.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li hemm diskrepanza bejn is-sentenza li rċieva u li uża sabiex jappella u s-sentenza dattilografata li hemm fl-atti proċesswali.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Daniel Farrugia** fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Magħdud dan madanakollu r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċiżjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu r-reita' u jissemmew id-dispożizzjonijiet tal-liġi li dwarhom qed tinstab il-ħtija. Issa ma hemmx dubbju illi d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti hija ċara fis-sens illi hija astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' l-akkuża dwar is-serq billi din kienet waħda alternattiva għat-tieni akkuża dwar ir-riċettazzjoni u sabet ħtija fl-appellanti għal din it-tieni akkuża kif dedotta kontra tiegħu. Il-Qorti mbagħad għaddiet sabiex teroga l-piena għar-reat ta' riċettazzjoni billi ikkundannat lill-appellanti għal perijodu ta' tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u għal kundanna għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali. Illi huwa minnu illi fl-atti hemm żewġ sentenzi fejn waħda

> minnhom hija nieqsa mill-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tistabbilixxi r-reita' u huwa minnu wkoll illi kienet din is-sentenza li ġiet mgħoddija lill-appellanti sabiex iħejji l-appell tiegħu, madanakollu dan ma jġibx in-nullita' tas-sentenza impunjata billi kien bil-wisq evidenti illi abbażi tal-fatti esposti quddiem l-Ewwel Qorti, hija kienet qed issib il-ħtija għar-reat ta' riċettazzjoni u mhux ta' serq minn liema akkuża ġustament għaddiet għall-astensjoni billi din kienet alternattiva għar-reat tar-riċettazzjoni. Illi huwa minnu ukoll dak li jilmenta dwaru l-appellanti illi huwa kellu kull dritt jingħata l-kopja tas-sentenza li kellha tifforma parti mill-atti u mhux waħda imħarbxa ta' malajr biex huwa jkun jista' jinqeda biha għal fini biex iħejji l-appell u ma kellux allura jingħata sentenza li għandha partijiet minnha nieqsa, liema sentenza imbagħad ġiet ukoll bi żvista iffirmata mill-Maġistrat! Iżda dawn in-nuqqasijiet għalkemm jistgħu ikunu ta' preġudizzju għal partijiet fil-kawża ma jistgħux jikkostitwixxu nullita' sostanzjali tas-sentenza impunjata li hija ċara fid-*decide* tagħha."

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak hawn ikkwotat u tagħmlu tagħha, tinnota li fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ma hemm l-ebda nuqqas u hija wkoll ċara. Meħud dan in konsiderazzjoni, l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-każ ma ġiex ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi. Huwa jisħaq li hemm dubji serji kemm verament huwa kien qed jonsob fl-inħawi ta' Birżebbuga. F'dan ir-rigward jindika li l-Pulizija tawh id-drittijiet tiegħu xi s-sagħtejn wara li marru fuq il-post, stante li l-ħin indikat fid-dikjarazzjoni (Dok. "X5" – *a fol.* 13) huwa dak ta' 14.00hrs. Jispjega wkoll li mkien ma hemm indikat li hu kien qed jonsob jew qed jipprova jonsob. Jisħaq li fil-kontro-eżami, PC 873 Daniel Attard jgħid li hu (l-appellant) kien qed jieħu kafè fil-kamra. Jispjega wkoll li l-Pulizija ma kienux f'pożizzjoni li jispjegaw kif id-dura kienet

tifforma parti mill-kamra waqt li lanqas kienu kapaċi jgħidu minn fejn wieħed jidħol għal kamra.

Illi qabel mal-Qorti tibda bl-istħarriġ tagħha dwar dan l-aggravju jeħtieġ li tfakkar li hija ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk minn dawn l-istess provi l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi dwar il-kwistjoni tal-ħin, din il-Qorti tinnota li l-Pulizija iddikjaraw li fi 12.30hrs kienu qegħdin fuq ronda meta semgħu

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

*bird caller* u mxew fid-direzzjoni tiegħu. Dan ifisser li kien hemm trapass taż-żmien minn meta l-Pulizija kienu qegħdin ronda sa meta huma waslu fuq il-post. Minbarra dan wieħed irid jikkunsidra wkoll il-fatt li l-Pulizija kellhom jużaw il-ħin tagħhom sakemm jaraw x'kienu ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi lanqas huwa korrett l-appellant meta jgħid li l-Pulizija qalu li sabuh jixrob il-kafè. L-unika ħaġa li qal PC 873 Daniel Attard huwa li l-appellant ma kienx fid-dura. Minn naħa l-oħra PC 217 Italo Mizzi jispjega li huwa sab lill-appellant ħdejn ix-xbieki. Apparti minn dan, fl-affidavit tiegħu PC 873 Daniel Attard (*a fol.* 7 *et seq.*) jispjega li fejn hemm id-dura u l-mansab kienu parti mill-kamra fejn kien l-appellant. Minn dan tirriżulta konsistenza f'dak li qalu l-Pulizija.

Illi l-appellant jilmenta li l-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti ma jilħqux il-grad rikjest. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** (Numru 275/2013) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Kwindi jidher ċar mill-każistika msemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-**assjem** ta' dawn iċ-ċirkostanżi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre l-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista' twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubbju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita'."

Illi meħud dan ta' hawn fuq in konsiderazzjoni, din il-Qorti tinnota li fir-rigward tal-każ odjern ma jistax jiġi njorat li l-appellant kien l-unika persuna fuq is-sit u li kien hemm *bird caller* attiv. Dan minnu nnifsu diġa' ifisser li kien hemm xi ħadd li kien qed jipprova jattira l-għasafar. Minħabba li l-appellant kien l-unika persuna fuq il-post jikkonsegwi li kien hu li kien qed jagħmel din l-azzjoni. Minbarra dan, dak li fil-fehma ta' din il-Qorti jipprova b'mod definittiv x'kien qed jagħmel l-appellant fuq il-post kien dak li nstab fil-vettura. F'dan ir-rigward, fl-affidavits tagħhom il-Pulizija jgħidu li fil-vettura l-appellant kellu x-xbieki tal-insib u għodda. Dan huwa fatt li ma ġiex ikkontestat mill-appellant. Minbarra dan, in kontro-eżami PC 873 Daniel Attard jiċħad li l-appellant wrieħ il-mansab tiegħu. Tenut kont ta' dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti l-provi ċirkostanzjali jippuntaw b'mod univoku lejn il-fatt li l-appellant kien qiegħed jonsob. B'hekk din il-Qorti tikkunsidra li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami ser jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva

> meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi wara li rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ċioè dik ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600) multa u sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' sentejn, il-Qorti hija tal-fehma li din il-piena taqa' fil-parametri ta' dak li tiddisponi l-liġi in kwistjoni. Konsegwentement, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant it-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant George Chircop u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

______________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**